

## IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2104

tal-15 ta' Diċembru 2020

**li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva žeit tal-paraffin**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (¹), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (²) tistabbilixxi s-sustanzi attivi meqjusin approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (2) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/555 (³) estenda l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva žeit tal-paraffin sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (3) Tressaq applikazzjoni għat-tiġid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva f'konformità mar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (⁴).
- (4) Peress li l-valutazzjoni tas-sustanzi ddewmet minħabba raġunijiet li ma kinux fil-kontroll tal-applikanti, x'aktarx li l-approvazzjoni tas-sustanzi attiva tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġid tagħha. Għalhekk, jeħtieġ li l-perjodu ta' approvazzjoni jiġi estiż b'sena.
- (5) Għalhekk, jixraq li l-entrata 295 rilevanti fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011, tiġi emmenda biex il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2021.
- (6) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 jenħtieġ li jiġi emmendat skont dan.
- (7) Filwaqt li jitqies il-fatt li l-approvazzjoni tas-sustanza tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emmenda kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(¹) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fdak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/555 tal-24 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni ta' bosta sustanzi attivi elenkti fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 686/2012 (il-programm ta' tiġid AIR IV) (ĠU L 80, 25.3.2017, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implementazzjoni tal-proċedura ta' tiġid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-ġħada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNESS

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

- (1) fis-sitt kolonna, Skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 295, Żejt tal-paraffin, id-data hija sostitwita bid-data "31 ta' Diċembru 2021".
-